MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 947/2004

**George Muscat**

**Vs**

**Jonathan Sammut**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Mejju 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm673.78 (sitt mija tlieta u sebghin lira Maltin tmienja u sebghin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' incident tat-traffiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal:-
Illi l-attur huwa debitur tal-attur fis-somma ta' sitt mija tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm673.78) jew somma vejuri illi ghandha tigi likwidata minn dan it-Tribunal jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-attur,

bhala rizultat ta' incident tat-traffiku illi sehh fis-16 ta' Jannar 2004 f'Birkirkara bejn il-vetturi GAU 157 misjuqa mill-konvenut u dik bin-numru CAP 203 misjuqa mill-attur, ghal-liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli u dana stante illi l-istess incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-istess konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Jannar 2004 kif ukoll tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-presenti kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut kontra l-konvenut li minn issa jibqa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-esponenti, izda gara tort tal-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi mhux kontestat bejn il-partijiet is-sekwenza tal-vetturi izda l-posizzjoni taghhom fil-konfront ta' xulxin.

Illi z-zewg partijiet kienu armati b' mezzi fotografici ghax gew prezentati diversi ritratti mehudha dakinhar stess tal-incident.

Illi huwa impellenti li t-Tribunal jissofferma fuq il-hsara tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Id-daqqa tirrizulta fuq ir-rota ta' wara tax-xellug. Hija la gemba – pero' id-daqqa tal-vettura tal-attrici hija fuq il-mudguard quddiem tal-lemin. Mela jista jinstilet li l-habta ma saritx “at a right angle”. Kif ukoll li z-zewg vetturi ma kienux ezattament wara xulxin f'linja dritta xema'. Biex il-konvenut ha d-daqqa f'dik il-parti, huwa kien ta' bilfors aktar il-barra fuq il-lemin tal-attur.

Illi huwa pacifiku li l-konvenut ried jikser, effettivament kiser fuq ix-xellug tieghu biex jidhol go service road. Il-konvenut xehed li bil-vettura tieghu kellu ta' bilfors jigbed aktar lejn l-lemin qabel ma jdur fuq ix-xellug. Is-sewqan huwa intiz biex imur l-quddiem f'direzzjoni dritta. F'kaz ta' kambjament ta' direzzjoni, trid tinghata indikazzjoni f' waqtha u dippjament qabel lit-traffiku ta' wara. Mhux kontestat mill-attur li huwa halla brakemark. Xufier jipprova jwaqqaf il-vettura tieghu bil-hasda – ghalhekk ihalli s-signal tar-roti, ghax fost kazijiet ohra il-vettura ta' quddiemhu tkun holqitlu emergenza. Effettivament dak il-gara fil-kaz in dezamina. Ancorche jekk il-konvenut ta' ndikazjoni billi xeghel l-indicator, dawn ma ghamlux in “punctorum temporis”.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta Lm 673.78 (sitt mija tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) bl-ispejjes u interessi mid-data tas-sentenza tad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------